MT



MT

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 15.11.2010
KUMM(2010) 636 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020:**
**Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli**

{SEG(2010) 1323}
{SEG(2010) 1324}

MT MT

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Strateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020:**
**Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli**

# WERREJ


1. Introduzzjoni ........ 3
2. Għanijiet u Azzjonijiet ........ 4
2.1. Oqsma fejn trid tittieħed azzjoni ........ 6
2.2. Implimentazzjoni tal-Istrateġija ........ 10
3. Konklużjoni ........ 12

## 1. INTRODUZZJONI

Kull waħda minn sitt persuni fl-Unjoni Ewropea (UE) għandha diżabilità[1] li tvarja minn ħafif għal sever, li jammonta għal madwar 80 miljun li ħafna drabi huma mċaħħda milli jieħdu sehem sħiħ fis-soċjetà u l-ekonomija minħabba ostakoli ambjentali u ta' attitudni. Għal persuni b'diżabilitajiet ir-rata tagħhom ta' faqar hija 70 % ogħla mill-medja[2] parzjalment minħabba aċċess limitat għall-impieg

Aktar minn terz ta' nies ta' età 'l fuq minn 75 sena għandhom diżabilitajiet li jirrestrinġuhom sa ċertu punt, u aktar minn 20 % huma ristretti ħafna[3]. Barra minn hekk, dawn in-numri jidhru li se jogħlew hekk kif tixjieħ il-popolazzjoni tal-UE.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom mandat b'saħħtu biex itejbu s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tal-persuni b'diżabilità.

- L-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-Karta) jipprovdi li "Id-dinjità tal-bniedem hija invjolabbli. Hija għandha tkun rispettata u protetta." L-Artikolu 26 jiddikjara li "l-UE tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-persuni b'diżabiltajiet li jibbenefikaw minn miżuri intiżi sabiex jiżguraw l-indipendenza, l-integrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom, u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-komunità". Barra minn hekk, l-Artikolu 21 jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità.

- It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE) jobbliga lill-Unjoni li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq d-diżabilità meta jiġu ddefiniti u implimentati l-politiki u l-attivitajiet tagħha (Artikolu 10) u jagħti s-setgħa li tiġi adottata leġiżlazzjoni li tindirizza tali diskriminazzjoni (Artikolu 19).

- Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (il-Konvenzjoni tan-NU), l-ewwel strument internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem li huwa legalment vinkolanti, li għandhom sehem fih l-UE u l-Istati Membri tagħha, dalwaqt se jkun japplika madwar l-UE kollha[4]. Il-Konvenzjoni tan-NU titlob li l-Istati Msieħba jipproteġu u jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-persuni b'diżabilità.

Skont il-Konvenzjoni tan-NU, il-persuni b’diżabilità jinkludu dawk li, fuq perjodu twil, għandhom limitazzjonijiet fiżiċi, mentali, intellettwali jew fis-sensi li, flimkien ma’ diversi ostakoli, jistgħu jxekklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma’ ħaddieħor.

Il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-Istati Membri biex jindirizzaw dak kollu li jfixkel l-Ewropa milli tkun mingħajr ostakoli, billi jimplimentaw ir-riżoluzzjonijiet riċenti tal-

---

[1] Modulu ad hoc tal-Istħarriġ tal-UE dwar il-Forza tax-Xogħol dwar l-impjieg ta' persuni b'diżabilità (LFS AHM), 2002.

[2] L-Istatistika dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għixien, (EU-SILC), 2004.

[3] LFS AHM u EU- SILC 2007.

[4] Miftehma fl-2007 u ffirmata mill-Istati Membri kollha u l-UE; ratifikati sa mill-2010 minn 16-il Stat Membru (BE, CZ, DK, DE, ES, FR, IT, LV, LT, HU, AT, PT, SI, SK, SE, UK) filwaqt li l-bqija huma fil-proċess li jagħmlu dan. Il-Konvenżjoni tan-NU se torbot fl-UE u se tifforma parti mill-ordni legali tal-UE.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Din l-Istrateġija tipprovdi qafas għal azzjoni fil-livell Ewropew, kif ukoll azzjoni nazzjonali biex tindirizza s-sitwazzjoni diversa ta' irġiel, nisa u tfal b'diżabilitajiet.

Il-parteċipazzjoni sħiħa ekonomika u soċjali tal-persuni b'diżabilità hija essenzjali jekk għandha tirnexxi l-istrateġija tal-UE, Ewropa 2020[6] fil-ħolqien ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Il-bini ta' soċjetà li tinkludi lil kulħadd iġib miegħu wkoll opportunitajiet tas-suq u jrawwem l-innovazzjoni. Hemm każ kummerċjali qawwi biex is-servizzi u l-prodotti jsiru aċċessibbli għal kulħadd, meta wieħed iqis id-domanda minn għadd dejjem jikber ta' konsumaturi li qed jixjieħu. Pereżempju, is-suq tal-UE għall-apparat ta' assistenza (ta' valur annwali stmat li huwa aktar minn EUR 30 biljun[7]) għadu fframmentat, u l-apparati huma għaljin. Il-politika u l-oqfsa regolatorji ma jirriflettux b'mod adegwat il-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità, lanqas ma jirriflettuhom l-iżvilupp tal-prodotti u s-servizzi. Diversi oġġetti u servizzi, kif ukoll ħafna mill-ambjent mibni, għadhom mhumiex aċċessibbli biżżejjed.

Ir-reċessjoni ekonomika kellha impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tal-persuni b'diżabilità, li trendi aktar urġenti l-bżonn li tittieħed azzjoni. Din l-Istrateġija timmira li ttejjeb il-ħajja ta' individwi, kif ukoll li ġġib benefiċċji usa' għas-soċjetà u għall-ekonomija mingħajr ma tpoġġi piż żejjed fuq l-indstrija u l-amministrazzjonijiet.

## 2. GĦANIJIET U AZZJONIJIET

L-għan ġenerali ta' din l-Istrateġija huwa li tagħti s-setgħa lill-persuni b'diżabilità sabiex ikunu jistgħu jgawdu d-drittijiet sħaħ tagħhom, u jibbenefikaw bis-sħiħ milli jipparteċipaw fis-soċjetà u fl-ekonomija Ewropea notevolment permezz tas-Suq Uniku. Sabiex dan jinkiseb u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU madwar l-UE hemm bżonn tal-konsistenza. Din l-Istrateġija tidentifika azzjonijiet fil-livell tal-UE biex jissupplimentaw dawk nazzjonali, u tiddetermina l-mekkaniżmi[8] meħtieġa biex jimplimentaw il-livell tal-Konvenzjoni tan-NU fl-UE, inkluż fl-istituzzjonijiet tal-UE. Hija tidentifika wkoll l-appoġġ meħtieġ għall-finanzjament, ir-riċerka, il-ħolqien ta' kuxjenza, l-istatistika u l-ġbir ta' dejta.

Din l-Istrateġija tiffoka fuq l-eliminazzjoni tal-ostakoli[9]. Il-Kummissjoni identifikat tmien oqsma ewlenin għall-azzjoni: **L-Aċċessibilità, il-Parteċipazzjoni, l-Ugwaljanza, l-Impjiegi, l-Edukazzjoni u t-Taħriġ, il-Protezzjoni Soċjali, is-Saħħa, u l-Azzjoni Esterna.** Għal kull qasam, huma identifikati azzjonijiet prinċipali, bil-għan globali tal-UE enfasizzat f'tabella. Dawn l-oqsma ntgħażlu fuq il-bażi tal-potenzjal tagħhom li jikkontribwixxu għall-għanijiet ġenerali tal-Istrateġija u tal-Konvenzjoni tan-NU, id-dokumenti tal-politika relatati mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll ir-riżultati tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Diżabilità 2003-2010, u l-konsultazzjoni tal-Istati Membri, il-partijiet interessati u l-pubbliku ġenerali. Ir-referenzi għall-azzjonijiet nazzjonali huma intiżi biex jissupplimentaw l-azzjoni fil-livell tal-UE, aktar milli biex ikopru l-obbligi nazzjonali skont il-Konvenzjoni tan-

5 Resoluzzjonijiet tal-Kunsill (SOC 375 tat-2 ta' Ġunju 2010) and 2008/C 75/01 and European Parliament resolution B6-0194/2009, P6_TA(2009)0334.
6 COM(2010) 2020.
7 Deloitte & Touche, Access to Assistive Technology in the EU, 2003, u BCC Research, 2008.
8 L-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-NU.
9 Eurobarometru tal-2006 fuq id-diskriminazzjoni: 91% jħossu li għandhom jintnefqu aktar flus biex jitneħħew l-ostakoli fiżiċi għal persuni b'diżabilità.

NU. Il-Kummissjoni se tittratta wkoll is-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità permezz tal-istrateġija Ewropa 2020, u l-inizjattivi ewlenin tagħha u t-tnedija mill-ġdid tas-suq uniku.

## 2.1. Oqsma fejn trid tittieħed azzjoni

### 1 — Aċċessibilità

"Aċċessibilità" hija ddefinita fis-sens li n-nies b'diżabilità jkollhom aċċess, fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għall-ambjent fiżiku, għat-trasport, għall-informazzjoni u għat-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u sistemi (ICT), u faċilitajiet u servizzi oħra. Għad hemm ostakoli kbar f'dawn l-oqsma kollha. Pereżempju, bħala medja, fl-UE-27,5 % biss tal-websajts pubbliċi jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards ta' aċċessibilità għall-internet, għalkemm hemm aktar li huma parzjalment aċċessibbli. Ħafna xandara tat-televiżjoni għadhom jipprovdu ftit wisq programmi bis-sottotitoli u awdjo-deskritti. [10].

L-aċċessibilità hija prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà u fl-ekonomija, iżda l-UE għad baqgħalha triq twila quddiemha biex dan jinkiseb. Il-Kummissjoni tipproponi li tuża l-istrumenti leġiżlattivi u oħrajn, bħall-istandardizzazzjoni, biex tottimizza l-aċċessibilità tal-ambjent mibni, u t-trasport u l-ICT f'konformità mal-inizjattivi tal-Aġenda Diġitali u tal-Unjoni ta' Innovazzjoni, hija se tesplora l-vantaġġi li tadotta miżuri regolatorji biex tiżgura l-aċċessibilità ta' prodotti u servizzi, inklużi miżuri biex jiżdied l-użu ta' akkwist pubbliku (li huwa pprovat li huma ferm effettivi fl-Istati Uniti)[11]. Hija se tinkoraġġixxi l-inkorporazzjoni ta' aċċessibilità u ta' "disinn għal kulħadd" fil-kurrikuli edukattivi u t-taħriġ għall-professjonijiet rilevanti. Hija se trawwem ukoll suq fl-UE kollha għat-teknoloġija ta' assistenza. Wara konsultazzjonijiet oħra mal-Istati Membri u partijiet interessati oħra, il-Kummissjoni se tikkunsidra għandhiex tipproponi "Att Ewropew għall-Aċċessibilità" sal-2012. Dan jista' jinkludi li jiġu żviluppati standards speċifiċi għas-setturi partikolari sabiex jittejjeb b'mod sostanzjali l-funzjonament xieraq tas-suq intern għal prodotti u servizzi aċċessibbli.

Azzjoni tal-UE għandha tappoġġja u tissupplimenta l-attivitajiet nazzjonali għall-implimentazzjoni ta' aċċessibilità u biex jitneħħew l-ostakoli eżistenti, u biex tittejjeb id-disponibbiltà u l-għażla ta' teknoloġiji ta' assistenza.

| |
|---|
| Tkun żgurata l-aċċessibilità għal prodotti, servizzi inklużi servizzi pubbliċi u apparat ta' assistenza għal persuni b'diżabilità. |

### 2 — Parteċipazzjoni

Għad hemm ħafna ostakoli li jimpedixxu lill-persuni b'diżabilità milli jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tagħhom - inklużi d-drittijiet tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni - u li jillimitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Dawn id-drittijiet jinkludu d-dritt għall-moviment ħieles, id-dritt li jagħżlu fejn u kif jgħixu, u li jkollhom aċċess sħiħ għal attivitajiet kulturali, rikreattivi, u sportivi. Pereżempju, persuna b'diżabilità rikonoxxuta li tmur tgħix f'pajjiż ieħor tal-UE tista' titlef l-aċċess għall-benefiċċji nazzjonali, bħat-trasport pubbliku b'xejn jew imraħħas.

Il-Kummissjoni se taħdem biex:

– jingħelbu l-ostakoli għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom bħala individwi, konsumaturi, studenti, u atturi ekonomiċi u politiċi; jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-mobbiltà

[10] EC (2007), SEC (2007) 1469, p. 7.
[11] It-Taqsima 508 tar-Rehabilitation Act and Architectural Barriers Act.

intra-UE, u jiġi ffaċilitat u promoss l-użu tal-mudell Ewropew ta' karta għall-parkeġġ għal persuni b'diżabilità;

– tiġi promossa t-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-komunità billi: isir użu mill-Fondi Strutturali u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' servizzi bbażati fil-komunità; u titqajjem kuxjenza għas-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali, b'mod partikolari t-tfal u l-anzjani;

– tittejjeb l-aċċessibilità għall-isports, ir-rikreazzjoni, l-organizzazzjonijiet kulturali u rikreattivi, l-attivitajiet, l-avvenimenti, l-postijiet; oġġetti u servizzi inklużi dawk awdjoviżwali, tiġi promossa l-parteċipazzjoni fl-avvenimenti sportivi u l-organizzazzjoni ta' dawk b'diżabilità speċifika; jiġu esplorati metodi biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-lingwa tas-sinjali u tal-Braille fit-trattament tal-istituzzjonijiet tal-UE; tiġi indirizzata l-aċċessibiltà għall-vot sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini; jitrawwem it-trasferiment transkonfinali ta' xogħlijiet bid-drittijiet tal-awtur f'format aċċessibbli; jiġi promoss l-użu tal-ambitu għall-eċċezzjonijiet provduti mid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur[12].

Azzjoni mill-UE se tappoġġja attivitajiet nazzjonali biex:

– tinkiseb it-tranżizzjoni mill-kura istituzzjonali għall-kura bbażata fil-komunità, inkluż l-użu tal-Fondi Strutturali u l-Fond għall-Iżvilupp Rurali għat-taħriġ tar-riżorsi umani u l-adattament tal-infrastruttura soċjali, jiġu żviluppati skemi ta' finanzjament għall-assistenza personali, il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tajba tax-xogħol għall-carers professjonali u l-appoġġ għall-familji u l-carers informali.

– isiru aċċessibbli l-attivitajiet u l-organizzazzjonijiet tal-isports, tar-rikreazzjoni, kulturali u rikreattivi, u jintużaw il-possibilitajiet għal eċċezzjonijiet fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Tinkiseb il-parteċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà billi:

- tippermettilhom igawdu l-benefiċċji kollha ta' ċittadinanza Ewropea;

- jitneħħew l-ostakoli amministrattivi u attitudinali għall-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali;

-jiġu pprovduti servizzi ta' kwalità bbażati fil-komunità, inkluż l-aċċess għall-għajnuna personali.

**3 — L-ugwaljanza**

Aktar minn nofs l-Ewropej iqisu li d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità jew età li hija mifruxa sew fl-UE[13]. Kif mitlub mill-Artikoli 1, 21 u 26 tal-Karta tal-UE u mill-Artikoli 10 u 19 tat-TFUE, il-Kummissjoni se tippromwovi t-trattament ugwali ta' persuni b'diżabilità permezz ta' approċċ fuq żewġ binarji. Dan se jinvolvi l-użu tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE biex tiġi pprovduta l-protezzjoni mid-diskriminazzjoni, għall-implimentazzjoni ta' politika attiva għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u għall-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs fil-politiki tal-UE. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni wkoll għall-impatt kumulattiv ta'

12 Id-Direttiva 2001/29/KE. Memorandum ta' Ftehim tal-Partijiet Interessati dwar din il-kwistjoni ġie ffirmat fl-14.09.2009

13 Ewrobarometru Speċjali 317.

diskriminazzjoni li persuni b'diżabilità jistgħu jesperjenzaw għal raġunijiet oħra, bħal nazzjonalità, età, razza jew etniċità, sess, reliġjon jew twemmin, jew orjentazzjoni sesswali.

Hija se tiżgura wkoll li d-Direttiva 2000/78/KE[14] li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-impjiegi tiġi implimentata għal kollox; se tippromwovi d-diversità u tiġġieled id-diskriminazzjoni permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni f'livell tal-UE u livell nazzjonali, u tappoġġja l-ħidma ta' NGOs fil-livell tal-UE li huma attivi fil-qasam.

L-azzjoni tal-UE se tappoġġja u tissupplimenta l-politiki nazzjonali u programmi li jippromwovu l-ugwaljanza, pereżempju billi tippromwovi l-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fuq il-kapaċità legali mal-Konvenzjoni tan-NU.

| |
|---|
| Tiġi eradikata d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità fl-UE. |

**4 — L-impjieg**

L-impjiegi ta' kwalità jiżguraw l-indipendenza ekonomika, irawmu l-kisbiet personali, u joffru l-aħjar ħarsien kontra l-faqar. Madankollu, ir-rata ta' impjieg għal persuni b'diżabilità hija biss madwar 50 %[15]. Biex jintlaħqu l-miri tat-tkabbir tal-UE, jeħtieġ li aktar persuni b'diżabilità jkunu f'impjieg bi ħlas fis-suq tax-xogħol miftuħ. Il-Kummissjoni se tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Aġenda tagħha għal ħiliet u xogħolijiet ġodda billi tipprovdi l-Istati Membri b'analiżi, gwida politika, skambju ta' informazzjoni u appoġġ ieħor. Hija se ttejjeb l-għarfien tal-qagħda tal-impjieg ta' nisa u rġiel b'diżabilità, tidentifika l-isfidi u tipproponi r-rimedji. Hi se tagħti attenzjoni partikolari liż-żgħażagħ b'diżabilità fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjieg. Hija se tindirizza l-intra-mobilità fl-impjiegi fis-suq tax-xogħol miftuħ u fil-workshops protetti, permezz ta' skambju ta' informazzjoni u tagħlim reċiproku. Se tindirizza wkoll il-kwistjoni tal-impieg indipendenti u l-impjiegi ta' kwalità, inklużi aspetti bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol u avvanz fil-karriera, bl-involviment tal-imsieħba soċjali. Il-Kummissjoni se tintensifika l-appoġġ tagħha għall-inizjattivi volontarji li jippromwovu l-immaniġġjar tad-diversità fuq il-post tax-xogħol, bħal karti tad-diversità ffirmati minn min iħaddem u Inizjattiva tan-Negozju Soċjali.

L-azzjoni tal-UE se tappoġġja attivitajiet nazzjonali biex: tiġi analizzata l-qagħda tas-suq tax-xogħol ta' nies b'diżabilità; jiġu miġġielda dawk il-kulturi ta' benefiċċju għad-diżabilità u nases li jiskoraġġixxuhom milli jidħlu fis-suq tax-xogħol tiġi megħjuna l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol permezz tal-użu tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE); jiġu żviluppati strateġiji politiċi attivi tas-suq tax-xogħol; il-postijiet tax-xogħol isiru iktar aċċessibbli; jiġu żviluppati servizzi għas-sejbien tax-xogħol, strutturi ta' appoġġ u taħriġ fil-post tax-xogħol; jiġi promoss l-użu tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa[16] li jippermetti li tingħata għajnuna statali mingħajr notifika minn qabel lill-Kummissjoni.

| |
|---|
| Tippermetti lil ħafna aktar nies b'diżabilità li jaqilgħu l-għixien tagħhom fis-suq miftuħ tax-xogħol. |

**5 — L-edukazzjoni u t-taħriġ**

Fil-grupp ta' età bejn is-16 u d-19-il sena, ir-rata ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-edukazzjoni hi ta' 37 % għal persuni konsiderevolment ristretti, u 25 % għal dawk ristretti sa ċertu punt,

14 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.
15 LFS, AHM, 2002
16 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008, ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

rigward 17 % għal dawk mhux ristretti[17]. L-aċċess għall-edukazzjoni regolari għat-tfal b'diżabilità serja hija diffiċli, u xi kultant tiġi ssegregata. Persuni b'diżabilità, b'mod partikolari t-tfal, jeħtieġu li jiġu integrati b'mod xieraq fis-sistema edukattiva ġenerali u, fejn meħtieġ, jiġu pprovduti bl-appoġġ individwali, fl-aħjar interess tat-tfal. B'rispett sħiħ għar-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi, il-Kummissjoni se tappoġġja l-għan ta' edukazzjoni u taħriġ inklussivi ta' kwalità, taħt l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi. Hija se żżid l-għarfien dwar il-livelli ta' edukazzjoni u l-opportunitajiet għall-persuni b'diżabilità, u se żżid il-mobilità tagħhom billi tiffaċilita l-parteċipazzjoni fil-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja.

L-azzjoni tal-UE se tappoġġja l-isforzi nazzjonali permezz ta' ET 2020, il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ[18], biex jitneħħew l-ostakoli ġuridiċi u organizzattivi għall-persuni b'diżabilità għall-edukazzjoni ġenerali u sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja; tipprovdi appoġġ f'waqtu għall-edukazzjoni inklussiva u t-tagħlim personalizzat, u l-identifikazzjoni bikrija ta' ħtiġijiet speċjali; tipprovdi taħriġ u appoġġ adegwati għall-professjonisti li jaħdmu fil-livelli kollha tal-edukazzjoni; u tirrapporta dwar ir-rati ta' parteċipazzjoni u r-riżultati.

| |
|---|
| Tippromwovi edukazzjoni inklussiva u t-tagħlim tul il-ħajja għal studenti u studenti b'diżabilità. |

**6. – Il-protezzjoni soċjali**

Il-parteċipazzjoni baxxa fl-edukazzjoni ġenerali u fis-suq tax-xogħol twassal għal inugwaljanzi tad-dħul finanzjarju u l-faqar għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll għall-esklużjoni soċjali u l-iżolament. Dawn jeħtieġu li jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-sistemi ta' ħarsien soċjali u programmi ta' tnaqqis tal-faqar, l-għajnuna relatata mad-diżabilità, programmi għall-akkomodazzjoni u servizzi pubbliċi oħra ta' għajnuna, u programmi ta' rtirar u benefiċċju. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni lil dawn il-kwistjonijiet permezz tal-Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar. Dan se jinkludi evalwazzjoni tal-adegwatezza u s-sostennibilità tas-sistemi ta' ħarsien soċjali u tal-appoġġ permezz tal-FSE. B'rispett sħiħ għall-kompetenza tal-Istati Membri, l-UE se tappoġġja miżuri nazzjonali biex jiżguraw il-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistemi ta ħarsien soċjali għal persuni b'diżabilità, notevolment permezz ta' skambju ta' politika u tagħlim reċiproku.

| |
|---|
| Jiġu promossi kundizzjonijiet ta' għixien deċenti għall-persuni b'diżabilità. |

**7 — Is-saħħa**

Il-persuni b'diżabilitajiet jista' jkollhom aċċess limitat għas-servizzi tas-saħħa, inkluż it-trattamenti mediċi ta' rutina, li jwasslu għal inugwaljanzi tas-saħħa relatati mad-diżabilitajiet tagħhom. Huma intitolati għal aċċess ugwali għal kura tas-saħħa, inkluża kura tas-saħħa preventiva, u servizzi speċifiċi ta' kwalità u affordabbli ta' rijabilitazzjoni u tas-saħħa li jqisu l-ħtiġijiet tagħhom, inkluż ħtiġijiet ibbażati fuq is-sess. Dan huwa prinċipalment il-kompitu tal-Istati Membri, li huma responsabbli biex jorganizzaw u jipprovdu servizzi tas-saħħa u kura medika. Il-Kummissjoni se tappoġġja żviluppi ta' politika għall-aċċess ugwali għal kura tas-saħħa, inklużi servizzi ta' kwalità tas-saħħa u ta' rijabilitazzjoni maħsuba għal persuni b'diżabilità. Hija se tagħti attenzjoni speċifika lill-persuni b'diżabilità waqt l-implimentazzjoni

[17] LFS, AHM, 2002
[18] Konklużjonijiet tat-12 ta' Mejju 2009 dwar l-ET 2020, ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

tal-politiki biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi tas-saħħa; tippromwovi azzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fix-xogħol biex jitnaqqsu r-riskji ta' diżabilitajiet li jiżviluppaw matul il-ħajja tax-xogħol u biex tittejjeb l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema b'diżabilitajiet[19]; u taħdem biex jiġu evitati dawk ir-riskji.

L-azzjoni mill-UE se tappoġġja miżuri nazzjonali biex jitwasslu servizzi aċċessibbli, faċilitajiet u servizzi tas-saħħa mhux diskriminatorji; jiġi promoss l-għarfien tad-diżabilitajiet fl-iskejjel mediċi u fil-kurrikuli għall-professjonisti tas-saħħa; jiġu pprovduti servizzi xierqa ta' rijabilitazzjoni; jiġu promossi s-servizzi tas-saħħa mentali u l-iżvilupp tal-intervenzjoni bikrija u s-servizzi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet.

| |
|---|
| Jitrawwem aċċess ugwali għal servizzi tas-saħħa u faċilitajiet relatati għal persuni b'diżabilità. |

**8. — Azzjonijiet esterni**

L-UE u l-Istati Membri għandhom jippromwovu d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità fl-azzjoni esterna tagħhom, inkluż il-programmi tat-tkabbir tal-UE, tal-viċinat u tal-żvilupp. Il-Kummissjoni se taħdem fejn xieraq fi ħdan qafas usa' ta' ebda diskriminazzjoni biex tenfasizza d-diżabilità bħala kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni esterna tal-UE. titqajjem kuxjenza tal-Konvenzjoni tan-NU u l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilitajiet, inkluża l-aċċessibilità, fil-qasam ta' emerġenza u għajnuna umanitarja; tikkonsolida n-netwerk ta' korrispondenti tad-diżabilità, biex b'hekk iżżid il-kuxjenza ta' kwistjonijiet ta' diżabilità fid-delegazzjonijiet tal-UE tiżgura li pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali jagħmlu progress fil-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità; u tiżguraw li l-istrumenti finanzjarji għall-qabel l-adeżjoni huma użati biex itejbu l-qagħda tagħhom.

L-azzjoni tal-UE se ssostni u tikkomplementa inizjattivi nazzjonali sabiex tindirizza kwistjonijiet dwar diżabilità fi' djalogi ma' pajjiżi mhux membri, u fejn xieraq, għandha tinkludi d-diżabilità u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU waqt li tqis l-impenji ta' Accra dwar effettività tal-għajnuna. Se trawwem ftehim u impenn dwar kwistjonijiet ta' diżabilità fil-fora internazzjonali (in-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD).

| |
|---|
| Tippromwovi d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità fl-azzjoni esterna tal-UE. |

## 2.2. Implimentazzjoni tal-Istrateġija

Din l-Istrateġija tirrikjedi impenn konġunt u mġedded tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri kollha. L-azzjonijiet fl-oqsma ewlenin ta' hawn fuq jeħtieġu li jiġu sostnuti mill-istrumenti ġenerali li ġejjin:

**1. — Il-ħolqien ta' kuxjenza**

Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li persuni b'diżabilità jkunu konxji tad-drittijiet tagħhom, b'attenzjoni speċjali għal aċċessibilità ta' materjali u mezzi ta' informazzjoni. Hija se tippromwovi l-għarfien ta' approċċi ta "disinn għal kulħadd" għall-prodotti, servizzi u ambjenti.

[19] Strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol - COM(2007) 62

L-azzjoni tal-UE se tappoġġja u tissupplimenta kampanji nazzjonali ta' kuxjenza pubblika dwar il-kapaċitajiet u l-kontribuzzjonijiet ta' persuni b'diżabilità u tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajba fil-Grupp ta' Livell Għoli dwar id-Diżabilità (DHLG).

| |
|---|
| Tqajjem il-kuxjenza tas-soċjetà dwar kwistjonijiet ta' diżabilità u trawwem għarfien akbar fost in-nies b'diżabilità tad-drittijiet tagħhom u kif għandhom jeżerċitawhom. |

**2. — Appoġġ finanzjarju**

Il-Kummissjoni se taħdem biex tiżgura li programmi tal-UE fl-oqsma ta' politika rilevanti għal persuni b'diżabilità joffru possibilitajiet ta' finanzjament, pereżempju fil-programmi ta' riċerka. L-ispiża ta' miżuri biex tippermetti lill-persuni b'diżabilità jieħdu sehem fi programmi tal-UE għandha tkun eliġibbli għal rimborż. L-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, partikolarment il-Fondi Strutturali, jeħtieġu li jiġu implimentati b'mod aċċessibbli u non-diskriminatorju.

L-azzjoni tal-UE se tappoġġja u tissupplimenta l-isforzi nazzjonali sabiex tittejjeb l-aċċessibilità u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni permezz ta' finanzjament ġenerali, l-applikazzjoni xierqa tal-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Fondi Strutturali Ġenerali[20], u billi jiġu mmassimizzati r-rekwiżiti fir-rigward tal-aċċessibilità fil-kuntratti pubbliċi. Il-miżuri kollha għandhom jiġu implimentati skont il-liġi tal-kompetizzjoni Ewropea, b'mod partikolari r-regoli dwar għajnuna mill-Istat.

| |
|---|
| Isir użu ottimizzat tal-istrumenti ta' finanzjament tal-UE għall-aċċessibilità u ebda diskriminazzjoni u tiżdied il-viżibbiltà ta' possibilitajiet ta' fondi rilevanti mad-diżabilità fil-programmi wara l-2013. |

**3 — Statistika u ġbir ta' dejta u l-monitoraġġ**

Il-Kummissjoni se taħdem biex tissimplifika l-informazzjoni dwar id-diżabilità miġbura permezz ta' stħarriġiet soċjali tal-UE (Statistika tal-UE dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet, modulu *ad hoc* tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, l-Istħarriġ b'Intervista dwar is-Saħħa Ewropea) u tiżviluppa stħarriġ speċifiku dwar l-ostakoli għall-integrazzjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità. Dak se jippermetti li jiġu ppreżentati sett ta' indikaturi li jimmonitorjaw is-sitwazzjoni tagħhom b'referenza għall-miri ewlenin Ewropa 2020 (edukazzjoni, impjieg u tnaqqis tal-faqar). L-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali hija mitluba biex tikkontribwixxi għal dan il-kompitu, fil-qafas tal-mandat tagħha, permezz ta' ġbir ta' dejta, tar-riċerka u tal-analiżi.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi wkoll għodda fuq l-Internet li jagħti ħarsa ġenerali tal-miżuri prattiċi u l-leġiżlazzjoni użati biex jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-NU.

L-azzjoni tal-UE se tappoġġja u tissupplimenta l-isforzi tal-Istati Membri biex jinġabru statistika u dejta li jirriflettu l-ostakoli li jipprevjenu persuni b'diżabilità milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

| |
|---|
| Se jiġi ssupplimentat il-ġbir ta' statistiċi perjodiċi relatati mad-diżabilità bil-ħsieb li tiġi mmonitorjata l-qagħda ta' persuni b'diżabilità. |

[20] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25;

**4 — Mekkaniżmi meħtieġa mill-Konvenzjoni tan-NU**

Il-qafas ta' governanza mitlub skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-NU (il-punti fokali, il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, il-mekkaniżmu indipendenti u l-involviment ta' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tagħhom) jeħtieġ li jiġi indirizzat fuq żewġ livelli: rigward l-Istati Membri fil-firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE, u f'istituzzjonijiet tal-UE. Fil-livell tal-UE, il-mekkaniżmi għal koordinazzjoni bbażati fuq il-faċilitajiet eżistenti se jiġu stabbiliti kemm bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll bejn l-UE u l-Istati Membri. L-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija u tal-Konvenzjoni tan-NU se tiġi regolarment diskussa id-DHLG dwar id-Diżabilità mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u punti fokali nazzjonali tagħhom, il-Kummissjoni, persuni b'diżabilità u organizzazzjonijiet tagħhom u partijiet interessati oħra. Hija se tkompli tipprovdi rapporti ta' progress għal-laqgħat ministerjali informali.

Barra minn hekk, se jiġi stabbilit qafas ta' monitoraġġ inkluż mekkaniżmu wieħed jew aktar indipendenti biex jippromwovi, jipproteġi u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU. Wara li l-Konvenzjoni tan-NU tiġi konkluża u wara li jitqies ir-rwol possibbli ta' għadd ta' korpi eżistenti tal-UE u tal-istituzzjonijiet, il-Kummissjoni se tipproponi qafas ta' tmexxija mingħajr piż ammistrattiv żejjed biex jiffaċilta l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU fl-Ewropa.

Sa tmiem l-2013, il-Kummissjoni se tirrapporta dwar il-progress miksub permezz ta' din l-Istrateġija, li jkopri l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet, il-progress nazzjonali u r-rapport tal-UE lill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità[21]. Il-Kummissjoni se tuża l-istatistika u l-ġbir tad-dejta biex turi bidliet fid-differenzi bejn persuni b'diżabilità u l-popolazzjoni kollha kemm hi, u biex tistabbilixxi indikaturi relatati mad-diżabilità marbuta mal-miri tal-Ewropa 2020 għall-edukazzjoni, l-impjieg u t-tnaqqis tal-faqar. Dan se jipprovdi opportunità biex jiġu rreveduti l-Istrateġija u l-azzjonijiet. Rapport ieħor huwa skedat għall-2016.

## 3. KONKLUŻJONI

Din l-Istrateġija hija maħsuba biex tisfrutta l-potenzjal magħqud tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Konvenzjoni tan-NU, u biex tagħmel użu sħiħ mill-Ewropa 2020 u l-istrumenti tagħha. Din tagħti bidu għal proċess biex jingħata poter lill-persuni b'diżabilità, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Hekk kif tixjieħ il-popolazzjoni fl-Ewropa, dawn l-azzjonijiet se jkollhom impatt tanġibbli fuq il-kwalità tal-ħajja ta' proporzjon kbir li kull ma jmur dejjem jiżdied ta' nies tagħha. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri huma msejħa sabiex jaħdmu flimkien taħt din l-Istrateġija biex jibnu Ewropa mingħajr ostakoli għal kulħadd.

[21] L-Artikoli 35 and 36 tal-Konvenzjoni tan-NU.